MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2008

Appell Civili Numru. 1307/2002/1

**Camille Borg Canalis**

**-vs-**

**Joseph Borg**

**Il-Qorti;**

**Preliminari:**

B'citazzjoni pprezentat fid-19 ta' Novembru 2002, l-attrici ppremettiet: illi fil-31 ta' Jannar 2001, waqt illi hi kienet qed issuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni CAT-472,

gewwa Mdina Road, Qormi, hija sfat involuta f’kollizjoni awtomobilistika mal-konvenut, li kien qed isuq vettura bin-numru ta’ registrazzjoni FAI-012; illi l-istess incident sehh unikament minhabba negligenza, traskuragni, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut, bhal ma del resto, diga` ammess minnu tramite l-kumpanija assikuratrici tieghu Elmo Insurance Agency Limited bhala agenti tas-socjeta` estera Royal & Sun alliance p.l.c., illi wkoll hallset ammonti akkont tad-danni sofferti mill-istess attrici bhala kawza ta’ l-incident *de quo*; illi l-attrici soffriet ukoll dizabilita` permanenti skond kif certifikata mill-kirurgu Mr. Charles J. Grixti, kif jidher mic-certifikat minnu mahrug u datat 8 ta’ Awwissu 2001, li kopja tieghu hi hawn annessa u esibita u mmarkata bhala **Dok. A**; illi l-konvenut, minkejja li gie interpellat biex jaghmel tajjeb ghad-danni sofferti mill-attrici, inkluzi dawk rizultanti mill-imsemmija dizabilita` permanenti, baqa’ inadempjenti; dan premess l-attrici talbet li dik il-Qorti:

"1. Tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh fil-31 ta’ Jannar 2001, gewwa Mdina Road, Qormi, kif fuq premess;

2. Tillikwida d-danni konsegwenzjali sofferti mill-attrici bhala konsegwenza ta’ l-istess incident, inkluzi dawk rizultanti mid-dizabilita` permanenti lilha rekata, okkorendo bl-opera ta’ periti nominandi;

"3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma rapprezentanti d-danni hekk likwidati.

"Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittri interpellatorji tal-5 ta’ Novembru 2001, u tat-23 ta’ April 2002, u ta' l-ittra gudizzjarja li qed tintbaghat kontestwalment ma’ dan l-att lis-socjeta` Elmo Insurance Agency Limited bhala agenti tas-socjeta` estera Royal & Sun Alliance p.l.c., kontra l-konvenut, li jibqa’ minn issa ingunt ghas-subizzjoni."

B’nota ta’ l-eccezzjonijiet ipprezentata fis-7 ta’ Marzu 2003, il-konvenut eccepixxa:

"1. L-ewwel talba attrici hija ammessa.

"2. It-tieni talba attrici trid tkun pruvata skond il-ligi stante li l-eccipjent qed jikkontesta li l-attrici ndarbet fl-incident in kwistjoni u li bhala konsegwenza tal-istess incident hija sofriet xi debilita` permanenti.

"3. It-tielet talba attrici hija kontestata stante li sa minn qabel saret din il-kawza, qatt ma kien hemm opposizzjoni da parti ta’ l-eccipjent jew ta' l-assikurazzjoni tieghu sabiex l-attrici tithallas dawk id-danni minnha attwalment subiti bhala konsegwenza ta' l-incident awtomobilistiku in kwistjoni.

"4. Fil-kaz li jirrizulta li l-pretensjoni attrici kienet esagerata u ben oltre id-danni minnha materjalment u realment subiti bhala konsegwenza diretta tal-incident in esami, allura l-eccipjent m’ghandux ibati spejjes gudizzjarji.

"5. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

**Is-sentenza appellata.**

Il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b’sentenza moghtija fit-13 ta’ April, 2005 bil-mod segwenti:
*“Ghaldaqstant il-Qorti fil-waqt li tichad l-eccezzjonijet tal-konvenut, tilqa’ t-talbiet attrici, tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-incident tal-31 ta’ Jannar 2001; tillikwida d-danni sofferti mill-attrici ghall-ammont [recte: fl-ammont] ta’ erbat elef mija u tmenin Liri Maltin (Lm4,180)*[1] *u tikkundanna lill-konvenut ihallas din is-somma lill-attrici; l-ispejjes ghandhom kollha jigu mhallsa mill-konvenut.”*

U dana wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“Illi l-kwistjoni li trid tigi deciza f’din il-kawza hija l-ammont ta’ danni li ghandhom jigu akkordati lill-attrici in segwitu ghall-incident stradali msemmi. Dan ghaliex il-konvenut qed jammetti t-tort ta' l-incident izda jidher li hemm nuqqas

[1] Illum Eur. 9736.78

ta’ qbil dwar il-quantum tad-danni pagabbli lill-attrici. Effettivament il-konvenut fil-waqt li ammetta r-responsabilita` ghall-incident anke kkontesta l-fatt li l-istess attrici sofriet xi disabilita` permanenti u qed jghid ukoll li t-talbiet tal-attrici qabel ma saret il-kawza kienu f’kull kaz esagerati.

“In effetti r-rapport mediku ta' l-espert inkarigat mill-Qorti jindika li l-attrici sofriet disabilita` permanenti ta’ tlieta fil-mija (3%) u kwindi in effetti l-attrici hija intitolata kemm ghal dawk id-danni li effettivament sofriet u anke ghal nuqqas ta’ qliegh minhabba l-effetti ta’ l-incident. Il-Qorti ser tadotta t-tlieta fil-mija (3%) imsemmija ghalkemm l-espert *ex parte* ikkalkola persentagg oghla. Mit-trattazzjoni li saret quddiem il-Qorti jidher car wahda mill-iktar punti kontestati kienu l-ammont ta’ seba’ mija u Lira Maltin (Lm701) li l-attrici nefqet biex kriet karozza sakemm issewwiet taghha billi l-konvenut qed isostni li dan l-ammont hu esagerat u li hu ma ghandhux jaghmel tajjeb ghal danni zejda minhabba li l-parts tal-karozza damu ma waslu minn barra.

“Il-kwistjonijiet l-ohra ma tantx jipprezentaw xi diffikoltajiet kbar. L-attrici nefqet tmenin Lira Maltin (Lm80) spejjez medici (Dok CB2) li m’humiex kontestati. Fir-rigward tal-lucrum cessans hija esebiet numru ta’ dokumenti (CBC3, CBC4, CBC5 u CBC6) li juru li l-qliegh taghha ghas-sena 2001 kien ta’ hamest elef u wiehed u disghin Liri Maltin (Lm5,091) (CBC6). Fis-sena ta’ qabel (u cioe` meta gara l-incident) id-dhul taghha kien ta’ tlett elef u disa’ mitt Lira Maltin (Lm3,900) cirka minhabba li bidlet l-impjieg darbtejn. Ghalhekk il-Qorti ser tahdem is-somma pagabbli fuq is-somma ta’ erbat elef u mitejn Liri Maltin (Lm4,200) u fuq perjodu ta’ tletin (30) sena billi l-attrici kellha cirka sebgha u ghoxrin (27) sena meta gara l-incident. Tlieta fil-mija (3%) ta’ dan jammonta ghal tlett elef, seba’ mija u tmenin Liri Maltin (Lm3,780). Billi l-attrici ser tiehu s-somma f’daqqa, il-Qorti ser tnaqqas is-somma ta’ mija u tmenin Liri Maltin (Lm180) u mhux ser tnaqqas izjed ghaliex l-incident issa ilu iktar minn erba’ snin li gara.

"Is-socjeta' assikuratrici tal-konvenut hallset l-ispejjes biex il-karozza ssewwiet u kwindi l-attrici m'hijiex titlob dawn id-danni izda inqala' intopp fuq il-hlas tal-kiri tal-karozza fil-frattemp kif gia` gie spjegat. Il-Qorti taghmilha cara li dak li qalu l-ufficjali tal-Elmo Insurance (is-socjeta` assikuratrici msemmija) u l-attrici ma huma ta' ebda importanza fil-kawza ghaliex Elmo m'hijiex parti fil-kawza.

"Fl-istess hin il-Qorti tifhem li f'dan il-kaz l-ammont minn fuq il-kirja kien sostanzjali ghaliex l-attrici damet tlett xhur cirka tistenna l-parts. Naturalment dan ma kienx tort ta' l-attrici izda lanqas tal-konvenut u l-argument tad-difensur tal-konvenut li kien ikun forsi iktar ekonomiku ghall-attrici kieku marret iggib il-parts hi minn barra jaghmel ftit sens. Madankollu billi fuq din il-bicca ma hemm tort ta' hadd, il-Qorti ser tghaddi arbitrio bonii viri takkorda lill-attrici s-somma ta' hames mitt Lira Maltin (Lm500) ghall-kiri tal-karozza.

"Ghalhekk meta jinghaddu tlett elef u sitt mitt Lira Maltin (Lm3,600), tmenin Lira Maltin (Lm80) u hames mitt Lira Maltin (Lm500), wiehed jasal ghas-somma ta' erbat elef, mija u tmenin Lira Maltin (Lm4,180). Il-Qorti ma thossx li l-attrici ghandha tehel spejjes ghaliex il-konvenut ma ghamel ebda depositu ta' l-ammont li kien qed jipproponi li jhallas (jekk tali proposta saret)."

**L-appell tal-konvenut.**

Il-konvenut hass ruhu aggravat bis-sentenza fuq riportata u b'rikors intavolat quddiem din il-Qorti fit-3 ta' Mejju 2005, talab li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha "*tirriforma s-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fid-19 ta' April 2005, fil-kawza fl-ismijiet premessi billi waqt li <u>tikkonfermaha</u> fejn laqghet l-ewwel talba attrici, <u>tirrevokaha</u> fejn fit-tieni talba attrici kienu likwidati danni komplessivi ta' erbat elef mija u tmenin lira (LM4,180) u minflok din l-Onorabbli Qorti tillikwida favur l-attrici l-quantum kollu tad-damnum emergens stabbilit mill-Ewwel Qorti u tillikwida favur l-attrici quantum ta' lucrum cessans aktar konformi mat-telf futur tal-istess attrici, u konsegwentement in vista tat-tielet talba attrici*

*tordna lill-esponent ihallas lill-attrici quantum tad-danni li din l-Onorabbli Qorti se tillikwida, bl-ispejjes kontra l-attrici.”*

**L-aggravju tal-konvenut appellant.**

F’dan ir-rigward il-konvenut appellant esprima ruhu hekk: “*L-aggravju ta' l-esponent huwa li whud mill-kriterji fil-kalkolu tal-lucrum cessans tal-attrici gew adoperati mill-Ewwel Qorti b’mod zbilancjat u ingust : in partikolari, it-tul tal-multiplier [30 sena] u l-“lump sum payment reduction [LM180].*”

B’sens ta’ lealta` lejn il-process gudizzjarju l-appellant iddikjara “*a priori*” li huwa mhux qed jikkontesta *l-quantum tad-damnum emergens* likwidat mill-ewwel Qorti, lanqas ma hu qieghed jikkontesta is-*salarju* jew *id-dizabilita` permanenti ta’ 3 %.* Li qieghed jghid l-appellant hu li n-numru ta’ snin uzati ghall-fini tal-*multiplier* huma eccessivi u li l-ewwel Qorti naqqset ammont zghir wisq, paragunat ma dak li jigri ssoltu, meta kkonsiderat l-effetti tal-“*lump sum payment*”.

**Ikkunsidrat:**

**Dwar il-multiplier.**

L-appellant hass ruhu aggravat meta fis-sentenza moghtija l-ewwel Qorti adottat “*multiplier*” ta’ tletin sena ghal persuna li, fid-data ta' l-incident, kellha sebgha u ghoxrin sena. Infatti l-appellant jiccita *Butler vs Heard* u jsostni li “*l-multiplier ma ghandux ikun bazat fuq l-aspettativa tal-hajja in generali tad-danneggjat <u>izda fuq l-aspettativa tal-hajja lavorattiva tenut kont tac-‘chances and changes tal-hajja.</u>*” Dan premess l-appellant jsostni li l-aspettativa tal-hajja lavorattiva regolari fl-eta` ta’ 57 hija improbabbli.

L-appellant imbaghad ghadda biex jelenka diversi sentenzi, kemm tal-prim istanza kif ukoll ta’ din il-Qorti, biex juri kif il-qrati taghna, f’materja ta’ *lucrum cessans* esprimew ruhhom fir-rigward tal-*multiplier*. Din il-Qorti izda

tixtieq taghmilha cara li f'materja ta' likwidazzjoni ta' danni futuri hekk maghrufa bhala *lucrum cessans* ma hemm ebda regola ferrea li tindirizza l-problem u li tpoggi lill-gudikant f'binarju ristrett. Il-materja hija regolata bl-Artikolu 1045 tal-Kodici Civili li fis-subartikolu 2 ighid li "*Is-somma li ghandha tigi moghtija ghal din l-inkapacita` tigi stabbilita mill-Qorti, wara li tqis ic-cirkostanzi tal-kaz, u b'mod partikolari, ix-xorta u grad ta' inkapacita` ikkagunata, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-hsara*." Jidher ghalhekk li l-legislatur ried ihalli certa "*mano libera*" lill-gudikant billi finalment dak li jigi akkordat jkun fid-diskrezzjoni tieghu dejjem, pero`, entro l-parametri imposti mill-ligi u cioe` dawk tal-inkapacita` u tal-kondizzjoni tal-parti li tbati l-hsara, kif ukoll il-parametri tal-buon sens. Ghalhekk ma hemm ebda regola sagramentali li ghandha tigi segwita fl-ammontar tas-snin ghall-fini tal-*multiplier.*

Din id-diskrezzjoni fil-gudikant immanifestat ruhu ripetutament fis-sentenzi in materja billi nsibu divergenzi ta' certa rilevanza bejn l-ammont koncess minn gudikant ghal iehor. Issa huwa minnu li l-aspettativa tal-hajja lavorattiva tista' tigi mxekkla minhabba dawk li jissejhu bhala "*chances and changes of life*" billi persuna tista` tigi nieqsa ta' eta` zghira jew tista` timrad u b'hekk ma tibqax tahdem. Biss huwa fatt inkontestat li l-hajja lavorattiva ta' persuna tispicca, jew almenu kienet tispicca, bl-eghluq ta' l-eta` ta' 60 sena jew fid-dintorni – ghalkemm illum ma hu xejn barra min loku li bniedem jibqa jahdem anke wara li jilhaq din l-eta` – tant hu hekk li llum persuni li jibqghu jahdmu xorta wahda huma garantiti l-pensjoni wara l-eta` ta' 61 sena.

Minn dan din il-Qorti ma tara xejn barra minn loku li l-ewwel akkordat 30 sena bhala *multiplier* billi dan il-perjodu jwassal lill-attrici sa l-eta` ta' sebgha u hamsin sena, fliema eta` l-attrici potenzjalment tista' tibqa' tahdem u tipprecepixxi introjtu. Dan l-aggravju ghalhekk mhux gustifikat.

**Dwar il-Lump Sum Payment.**

Hija prassi normali f'materja ta' danni futuri li mill-ammont likwidat titnaqqas percentwali, generalment ta' 20%, biex taghmel tajjeb ghal fatt li l-ammont hekk akkordat jkun ser jinghata immedjatament u mhux fuq firxa ta' snin. Mal-medda ta' zmien il-Qrati taghna varjaw din il-percentwali meta l-kaz jdum ma jigi determinat u konsegwentement idum ma jsir il-hlas, u sahansitra kien hemm sentenzi li waslu ghall-konkluzjoni li l-massimu ta' 20% ghandu jitnaqqas b'rata ta' 2% ghal kull sena li mid-data ta' l-incident.

Issa fil-kaz in ezami din il-Qorti ma tarax li kien hemm xi dewmien partikolari fid-determinazzjoni tal-kwistjoni. Infatti jekk kien hemm xi dewmien kien tort ta' l-istess attrici li damet kwazi sentejn biex intavolat ic-citazzjoni opportuna. Is-sentenza nghatat cirka sentejn u nofs wara. Ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li tnaqqis ta' Lm180 mill-ammont likwidata biex jaghmel tajjeb ghall-fatt li l-ammont kien ser jinghata bhala "*lump sum*" huwa tnaqqis zghir wisq u ghalhekk din il-Qorti takkolji dan l-aggravju u izzid l-ammont li ghandu jitnaqqas mill-ammont likwidat bhala *lucrum cessans* ghas-somma ta' Lm400. B'dana li l-ammont finali li ghandu jithallas lill-attrici jammonta ghall-Lm3,960.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija din il-Qorti tilqa' in parti l-appell tal-konvenut u tirriforma s-sentenza appellata billi tirriduci l-ammont tad-danni dovuti lill-attrici ghas-somma ta' Euro disat elef, mitejn u erbgha u ghoxrin u wiehed u tletin centezmu (€9,224.31) u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija. Fic-cirkostanzi l-ispejjez kemm ta' l-ewwel istanza kif ukoll ta' dan l-appell ghandhom jigu sopportati kwantu ghal erba' partijiet minn hamsa (4/5) mill-konvenut appellant u kwantu ghal kwinta parti (1/5) mill-attrici appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------